

Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15162/23

SOC 745
EMPL 532
ENV 1258

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aktar demokrazija fuq ix-xogħol u negozjar kollettiv ekoloġiku għal xogħol deċenti u tkabbir sostenibbli u inklużiv - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet sett ta' abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill bit-titlu: "Aktar demokrazija fuq ix-xogħol u negozjar kollettiv ekoloġiku għal xogħol deċenti u tkabbir sostenibbli u inklużiv".
2. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-28 ta' Settembru u fis-16 u l-31 ta' Ottubru 2023.
3. Wara konsultazzjoni informali bil-miktub, il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar il-Konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness għal dan id-dokument.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness; u
 - jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet mehmuż lill-Kunsill (EPSCO) tas-27 ta' Novembru 2023 għall-approvazzjoni.

Aktar demokrazija fuq ix-xogħol u negozjar kollettiv ekoloġiku għal xogħol deċenti u tkabbir sostenibbli u inklużiv

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI:

1. L-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; id-demokrazija, fid-dimensjoni politika, ekonomika u soċjali tagħha, hija kruċjali għas-soċjetà tagħna.
2. Id-demokrazija tiffunzjona tajjeb meta kulħadd ikun jista' jipparteċipa u jsemma' leħnu b'mod effettiv f'kull sfera ta' ħajtu, inkluż fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol hija wieħed mill-valuri ewlenin u garanzija ta' Ewropa soċjali aktar ġusta u inklużiva.
3. Id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol hija parti mill-mudell soċjali Ewropew u tinsab fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha f'forom differenti permezz tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, in-negozjar kollettiv, id-djalogu soċjali u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji ta' kwalunkwe kumpanija.
4. Aktar demokrazija fuq ix-xogħol tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-Unjoni u, b'mod partikolari, għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva u inklużiva, li twassal għal livell massimu ta' impjiegi, xogħol deċenti u progress soċjali, u għal tkabbir sostenibbli.

FILWAQT LI JFAKKAR FI:

5. L-Artikoli 12, 27 u 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jiggarrantixxu l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fuq il-post tax-xogħol tagħhom u d-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi.
6. Il-prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jirreferi għad-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ippreżentat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2021, jirrikonoxxi l-importanza tad-djalogu soċjali, in-negozjar kollettiv, l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom f'livelli differenti (inkluż fil-livell tal-kumpaniji u dak settorjali). Il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandhom rwol importanti fl-ispirazzjoni ta' miżuri mmirati lejn it-tiswir tat-tranżizzjonijiet ekonomiċi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari bil-ħsieb tat-tranżizzjoni doppja li għaddejja u l-bidliet fid-dinja tax-xogħol.
7. L-Impenn Soċjali fis-Summit Soċjali ta' Porto tal-2021, li jappella għall-promozzjoni tad-djalogu soċjali bħala komponent strutturali tal-mudell soċjali Ewropew u t-tisħiħ tiegħu fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali, settorjali u tal-kumpaniji.
8. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, li jstabilixxu, bħala l-Għan ta' Żvilupp Nru 8, il-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku, impjiegi u xogħol deċenti għal kulħadd inklużivi u sostenibbli.

9. L-opinjoni esploratorja tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar id-demokrazija fuq ix-xogħol tas-27 ta' April 2023¹, li tqis li aktar demokrazija fid-dinja tax-xogħol tiddependi fuq li jkun hemm il-bażijiet legali meħtieġa u xierqa u fuq il-kooperazzjoni bbażata fuq l-għarfien tal-partijiet ikkonċernati kollha. Dan japplika speċjalment fil-kuntest tal-isfida tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.
10. Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2023 dwar pjan direzzjonali lejn Ewropa soċjali – s-sentejn wara s-Summit Soċjali ta' Porto², li tistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali tal-UE biex jaħdmu lejn kopertura oġhla ta' negozjar kollettiv u tappella biex il-finanzjament tal-UE jqis l-oġettivi tal-politika pubblika, pereżempju, ir-rikwiżiti soċjali.
11. L-opinjoni esploratorja tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar in-negozjar kollettiv ekoloġiku tal-14 ta' Ġunju 2023³, li tqis li l-kwistjonijiet relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika jistgħu jkunu fokus aktar b'saħħtu tan-negozjar kollettiv fil-livelli xierqa u li l-promozzjoni tan-negozjar kollettiv ekoloġiku fil-livelli kollha hija mod xieraq kif jinkiseb dan.
12. Ir-rapport mhux leġislattiv fuq inizzjattiva proprja dwar id-Demokrazija fil-Post tax-Xogħol tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021⁴, li jippromwovi l-involvement tal-ħaddiema fil-livell tal-kumpaniji bħala mod kif tiġi appoġġata d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol u jappella għal aktar azzjoni fl-oqsma tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, il-kunsilli tax-xogħol kif ukoll il-liġi tal-kumpaniji u l-governanza korporattiva.

¹ Opinjoni esploratorja tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar id-demokrazija fuq ix-xogħol tas-27 ta' April 2023, SOC/746-EESC-2022: <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/democracy-work>

² Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2023 dwar pjan direzzjonali dwar Ewropa soċjali – s-sentejn wara Porto https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0203_MT.html

³ Opinjoni esploratorja tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar in-negozjar kollettiv ekoloġiku tal-14 ta' Ġunju 2023: <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/green-collective-bargaining>

⁴ [Testi adottati - Qafas Ewropew għad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet - il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021 \(europa.eu\)](https://www.europa.eu)

13. Id-Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet, li tappella għal miżuri bħall-promozzjoni tat-tfassil ta' perkorsi ta' tranżizzjoni u sħubijiet tal-ħiliet fuq skala kbira, u ta' strateġiji u taħriġ nazzjonali, settorjali u speċifiċi għall-kumpaniji, inkluż permezz tad-djalogu soċjali u l-involviment tas-sħab soċjali.
14. Il-liġi eżistenti tal-UE dwar l-involviment tal-impjegati fil-livell nazzjonali u dak tranżazzjonali, b'mod partikolari d-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati, id-Direttiva 98/59/KE dwar is-sensji kollettivi kif ukoll ir-riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/38/KE dwar il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej u d-Direttivi 2001/86/KE u 2003/72/KE dwar l-involviment tal-impjegati fil-Kumpanija Ewropea u s-Soċjetà Kooperattiva Ewropea.
15. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika⁵, li tistieden lill-Istati Membri jipprevedu l-involviment sħiħ u sinifikanti, inkluż informazzjoni u konsultazzjoni, tal-ħaddiema fil-livelli kollha u tar-rappreżentanti tagħhom fir-rigward tal-antiċipazzjoni tal-bidla u l-ġestjoni tal-proċessi ta' ristrutturar inkluż dawk marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika.

16. **Għall-finijiet ta' dawn il-Konklużjonijiet, "negozjar kollettiv" ifisser n-negozjati kollha li jseħħu skont il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali f'kull Stat Membru bejn impjegatur, grupp ta' impjegaturi jew organizzazzjoni waħda jew aktar ta' impjegaturi, minn naħa waħda, u trade union waħda jew aktar, min-naħa l-oħra, għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tat-termini tal-impjieg; "ftehim kollettiv" tfisser ftehim bil-miktub rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg konklużi mis-sħab soċjali li għandhom il-kapaċità li jinnegozjaw f'isem il-ħaddiema u l-impjegaturi rispettivament, skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali, inklużi dawk li jiġu ddikjarati applikabbli b'mod universali.**
17. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tiŝiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea, li tipprovdi gwida lill-Istati Membri, pereżempju, dwar kif jippromwov u d-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, permezz tal-iżgurar ta' ambjent abilitanti għal djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku u l-involvement tas-sħab soċjali b'mod sistematiku, sinifikanti u f'waqtu u l-iżgurar li jkollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti.
18. Il-konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO, b'mod partikolari l-Konvenzjoni 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni u l-Konvenzjoni 98 dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv.

FILWAQT LI JENFASIZZA LI:

19. Id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol tirrikjedi sistemi ta' negozjar kollettiv li jiffunzjonaw tajjeb, il-promozzjoni ta' negozjar kollettiv, strateġiji u spazji effettivi għat-tipi differenti ta' involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom f'kumpanija, filwaqt li jitqiesu l-forom differenti ta' organizzazzjoni, ġestjoni u superviżjoni korporattivi.
20. Il-mudelli nazzjonali differenti għall-governanza tal-intrapriżi korporattivi jippermettu l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'tali governanza. Dawn il-mudelli jistgħu jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u inklużiv u xogħol deċenti, u jwasslu għal titjib fil-kompetittività tal-kumpaniji u fl-involvement tal-ħaddiema kif ukoll impenn lejn l-għanijiet ta' kumpanija.
21. Djalogu regolari, trasparenti, rispettuż u wiesa' bejn is-sħab soċjali jista' jiġġenera livell ogħla ta' fiduċja u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' proċessi ta' adattament aktar ta' suċċess u bbilanċjati fil-kuntest tal-bidliet multipli li jiffaċċjaw il-kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra.
22. It-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, flimkien ma' trasformazzjonijiet oħra li jaffettwaw id-dinja tax-xogħol, bħall-bidliet demografiki u l-migrazzjoni, jagħmluha neċessarja li jittieħdu passi ulterjuri biex tissaħħaħ id-demokrazija fuq ix-xogħol sabiex jiġu promossi aktar it-tkabbir sostenibbli u inklużiv u x-xogħol deċenti.
23. Il-liġi eżistenti tal-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema jeħtieġ li tibqa' adattata għall-iskop tagħha u tqis il-bidliet reċenti fid-dinja tax-xogħol.
24. Mill-bidu nett, id-deċiżjonijiet strateġiċi jistgħu jibbenefikaw mill-involvement tal-ħaddiema fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet korporattivi, u b'hekk jittaffa r-riskju ta' kunflitti futuri.

25. L-aċċess tar-rappreżentanti tal-ħaddiema għall-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-kumpaniji huwa essenzjali għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ħaddiema fis-sistema ta' ġestjoni ġenerali tal-kumpanija, speċjalment fi ħdan il-kumpaniji tranżnazzjonali, u jeħtieġ li jiġi żviluppat f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali.
26. It-tranżizzjoni diġitali u d-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji jippreżentaw sfidi ġodda għall-effettività tad-drittijiet għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni. Dawn jaffettwaw l-ispazji fiżiċi fejn isir ix-xogħol u, b'estensjoni, il-kunċett ta' stabbiliment. Barra minn hekk, l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fl-organizzazzjoni tax-xogħol, fir-relazzjonijiet tax-xogħol jew f'forom ġodda ta' xogħol jista' jkollu impatt fuq kif jistgħu jsiru l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema. L-infurzar effettiv tad-drittijiet għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, kif ukoll in-negozjar kollettiv, għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp u r-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-kuntest tal-proċessi tad-diġitalizzazzjoni kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u l-algoritmi fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-relazzjonijiet tax-xogħol.
27. Id-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, fil-livelli kollha, huwa strument ideali għall-promozzjoni tat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, peress li s-sħab soċjali għandhom għarfien dirett tal-ħiliet attwali u futuri li jeħtieġ is-suq tax-xogħol, anke fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

28. Id-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, fil-livelli kollha u fil-mandati tagħhom, huwa kruċjali wkoll biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet adegwati minn impjieg għal ieħor, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità fit-tranżizzjoni, inkluż impjiegi ekoloġiċi, jew l-implimentazzjoni effettiva ta' pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, inkluż dawk relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u t-tagħlim tul il-ħajja.
29. In-negozjar kollettiv ekoloġiku, fil-livelli kollha, inkluż fil-livell transsettorjali u dak settorjali, u fil-livell tal-kumpanija, lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew, definit bħala l-kontenut tan-negozjar kollettiv fi kwistjonijiet relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, għandu rwol ewlieni fl-iżgurar tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u inklużiva. Ir-rwol tas-sħab soċjali, li l-awtonomija tagħhom għandha tiġi rrispettata, huwa kruċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbilanċjati li jiffaċilitaw tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija dekarbonizzata u favur Ewropa ekoloġika u ġusta.
30. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-demokrazija fuq ix-xogħol u n-negozjar kollettiv ekoloġiku għal xogħol deċenti u tkabbir sostenibbli u inklużiv jeħtieġu sħab soċjali b'saħħithom, kif ukoll il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv sabiex tiżdied il-kopertura tiegħu.
31. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq ħidma preċedenti u impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam. Dawn l-impenji politiċi preċedenti huma inklużi wkoll fid-dokumenti elenkati fl-Anness.

IL-KUNSILL JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI SABIEX, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali tagħhom u b'kont meħud tal-prattiki nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali nazzjonali:

32. Jippromwovu l-iżvilupp ulterjuri ta' forom differenti ta' demokrazija fuq ix-xogħol fil-leġislazzjoni jew fil-prattiki nazzjonali.
33. Jieħdu passi biex ikomplu jappoġġaw l-applikazzjoni effettiva tal-qafas Ewropew dwar id-drittijiet tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, pereżempju, is-sistemi eżistenti ta' sanzjonijiet effettivi u ta' protezzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema.
34. Ikomplu jsaħħu d-djalogu soċjali u jippromwovu livell ogħla ta' kopertura tan-negozjar kollettiv u jippermettu negozjar kollettiv effettiv, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali u l-prinċipju ta' negozjati ħielsa u volontarji .
35. Jaqsmu l-esperjenzi u l-prattiki tajbin ta' mekkaniżmi nazzjonali u Ewropej għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-kumpaniji.
36. Jinkoraġġixxu aktar l-iżvilupp ta' negozjar kollettiv ekoloġiku fil-livell transsettorjali, settorjali u tal-kumpaniji, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tagħhom u l-prinċipju ta' negozjati ħielsa u volontarji.

IL-KUNSILL JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI SABIEX, filwaqt li tirrispetta r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali:

37. Tiżviluppa inizjattivi mfassla biex iqajmu aktar kuxjenza dwar ir-regoli nazzjonali u tal-UE dwar id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, tenfasizza l-effetti pożittivi bbażati fuq l-evidenza tal-involvement tal-ħaddiema u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.
38. Tikkontribwixxi għat-tiżniħ tad-djalogu soċjali fl-UE u tinkoraġġixxi inizjattivi li jipromwovu livell ogħla ta' kopertura tan-negozjar kollettiv u tippermetti negozjar kollettiv effettiv, pereżempju permezz tal-finanzjament pubbliku, l-appoġġ għan-negozji jew l-akkwist pubbliku.
39. Tkompli tikkunsidra, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali Ewropej, jekk il-liġi eżistenti tal-UE għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema għadhiex adattata għall-iskop tagħha. Dan jeħtieġ li jqis, pereżempju, il-bidliet miġjuba mit-tranżizzjoni diġitali, bħall-użu tal-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fl-organizzazzjoni tax-xogħol, fir-relazzjonijiet tax-xogħol jew f'forum ġodda ta' xogħol, kif ukoll l-isfidi fir-rigward tal-infurzar effettiv tad-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni fl-Istati Membri;
40. Tirrifletti dwar il-ħtieġa u r-rilevanza tal-iżviluppi tal-liġi tal-UE rigward il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'kumpaniji, b'mod partikolari kumpaniji tranżnazzjonali. Dan għandu jqis, pereżempju, il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ħolqien ta' kumpaniji Ewropej u soċjetajiet kooperattivi Ewropej, kif ukoll operazzjonijiet transkonfinali, ma jevitax u ma jimminax id-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

41. Tinkoraġġixxi d-djalogu soċjali dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji u l-impatt tagħha fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u ttipromwovi l-approċċ iċċentrat fuq il-bniedem għall-użu tal-intelliġenza artifiċjali, l-algoritmi u d-diġitalizzazzjoni, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet individwali u kollettivi tal-ħaddiema.
42. Ttipromwovi l-iżvilupp ta' negozjar kollettiv ekoloġiku fil-livell Ewropew, transsettorjali, settorjali, u tal-kumpaniji fl-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika. Dan l-iżvilupp jeħtieġ li jirrispetta bis-sħiħ il-karatteristiċi tas-sistemi domestiċi ta' negozjar kollettiv u jista' jindirizza kwistjonijiet bħal: l-opportunitajiet ġodda ta' impjieg u l-ħolqien ta' impjegi ekoloġiċi; l-impatt tat-tranżizzjoni ekoloġika fuq il-koeżjoni territorjali u soċjali; it-tranżizzjonijiet bejn setturi differenti ta' attività; it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid meħtieġa tal-ħaddiema; il-miżuri meħtieġa għall-gruppi ta' ħaddiema u t-territorji l-aktar vulnerabbli għall-bidliet li ġabet magħha t-tranżizzjoni ekoloġika; is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; il-kundizzjonijiet tax-xogħol; il-mobbiltà ftermini ta' vjaġġar lejn il-post tax-xogħol; u l-ġhoti ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni adegwati għas-sħab soċjali.

Referenzi

1. UE interistituzzjonali

- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:12012P/TXT>
- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat b'mod solenni mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.
https://commission.europa.eu/publications/european-pillar-social-rights-booklet_mt

2. Leġiżlazzjoni tal-UE

- Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema.
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32001L0086>
- Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea.
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32002L0014>
- Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati.
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32003L0072>
- Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati.
<https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2009:122:0028:0044:MT:PDF>
- Direttiva (UE) 2019/2121 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' konverżjonijiet, mergers u diviżjonijiet transkonfinali.
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019L2121>

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika.

[https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32022H0627\(04\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32022H0627(04))

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea.

3. Parlament Ewropew

- Ir-rapport tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar "Id-demokrazija fil-post tax-xogħol: qafas Ewropew għad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet".

https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0331_MT.html

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2023 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet.

https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0028_MT.html

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali.

[Testi adottati - It-tisħiħ tad-djalogu soċjali - il-Ħamis, 1 ta' Ġunju 2023 \(europa.eu\)](https://www.europa.eu/press-room/media/infographic/item/12345)

4. Kummissjoni Ewropea

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbu tranżizzjonijiet ġusti

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023DC0040>

5. Nazzjonijiet Uniti

- L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli

<https://sdgs.un.org/goals>
